MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 57/2012

**Charles Sultana**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku (Ghawdex)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat prezentat mir-rikorrenti li permezz tieghu qieghed jitlob korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu. Dan peress li ppremetta li huwa komunament maghruf bhala Charles u mhux Carmel u ghalhekk l-att tat-twelid ghandu jirrifletti dan.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u d-diversi eccezzjonijiet imressqa minnu.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Wara li l-qorti rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati. Infatti rrizulta kemm mix-xhieda prodotta kif ukoll mid-diversi dokumenti ezebiti li r-rikorrent fil-fatt dejjem kien maghruf bhala Charles u mhux Carmel. Illi dan jinsab ikkonfermat mid-dokumenti esebiti mill-istess rikorrenti inkluzi l-karta ta' identita' tieghu, il-passaport tieghu kif ukoll ic-certifikat taz-zwieg tieghu li gie celebrat gewwa l-Awstralja u l-istess dokumenti li ghalihom qed issir referenza  huma mmarkati bhala Dok "B" u "C" annessi mar-rikors guramentat.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

Tqis ukoll pero' li ma jirrizultax li dan irrizulta minhabba xi zball li huma imputabbli lill-intimat b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u  dan billi :

(a) Tordna lill-intimat sabiex jaghmel l-opportuna korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid bin-numru mija u hamsa u hamsin (155) tas-sena elf disa' mija wiehed u sebghin (1971), liema att jirreferi ghat-twelid tar-rikorrenti, Charles Sultana, fis-sens li fil-kolonna intestata "ismijiet moghtija" isem it-tarbija, li hu indikat bhala "Carmel, Francis, Joseph" jigi sostitwit b'"Charles, Francis, Joseph" filwaqt li fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem, li hi indikat bhala "Charlie" jigi sostitwit b'"Charles".

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------